MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 442/2007

Kawza fil-lista: 22

**AB**
**vs**
**CD, EF u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-attrici twieldet fil-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena 1972 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 590 ta' l-1972 hawn anness u markat Dok. A.

Illi mill-att tat-twelid ta' l-attrici jirrizulta illi GH hija omm l-attrici u illi fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom Missier it-

Tarbija" il-konvenut IJ gie registrat bhala missier l-attrici (vide Dok. A).

Illi GH u l-konvenut IJ zzewgu f' Malta, f' Bormla fl-10 ta' Jannar 1954, dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg numru 172 ta' l-1954 hawn anness u markat Dok. B.

Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u l-koncepiment ta' l-attrici, GH u l-konvenut IJ kienu mizzewgin pero' l-istess GH u l-konvenut IJ kienu separati de facto u omm l-attrici GH kellha relazzjoni extra-matrimonjali mal-konvenut EF.

Illi fil-perjodu relevanti meta giet ikkoncepita l-attrici kien hemm l-impossibilta' fizika li l-attrici setghet giet ikkoncepita mill-konvenut IJ peress illi l-konvenut IJ qatt ma kkoabita ma' martu GH bejn it-tliet mija u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija u l-konvenuti IJ u GH kienu separati de facto matul dan iz-zmien.

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier l-attrici kien il-konvenut IJ, fil-fatt l-attrici giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni extra-matrimonjali li omm l-attrici GH kellha mal-konvenut EF;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi il-konvenut IJ mhux il-missier naturali ta' l-attrici AB;

Illi l-missier naturali ta' l-attrici huwa l-konvenut EF;

Illi ghaldaqstant l-attrici AB m' ghandhiex stat konformi ma' l-att tat-twelid taghha kif fuq imsemmi;

Illi l-attrici ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita' reali taghha stess;

Illi l-paternita' ta' l-attrici tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut EF huwa l-missier naturali ta’ l-attrici u mhux il-konvenut IJ;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta’ l-attrici AB (Att Numru 590 ta’ l-1972) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier l-attrici jigi kkancellat l-isem “IJ” u jigi sostitwit bl-isem “EF” u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier l-attrici, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b’ dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrent tispecifika d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali l-intimat EF sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem “the said” ghandhom jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji dwar l-omm.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota prezentata mill-konvenut EF li biha ammetta l-ewwel talba attrici;[1]

Rat in-nota prezentata mill-konvenut IJ li biha ammetta l-ewwel talba attrici;[2]

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern fit-termini ta' l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici, li twieldet fil-5 ta' Jannar 1972, qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti, fis-sens li hi hija l-wild naturali tal-konvenut EF u mhux tal-konvenut IJ; u talbet il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid taghha registrat bin-numru [590/1972].

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li Tereza Schembri, omm l-attrici, kienet izzewwget lill-konvenut IJ fl-10 ta' Jannar 1954; izda fis-sena 1967 dawn il-konjugi sseparaw de facto, u fl-istess sena Tereza Schembri kienet dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali mal-konvenut EF, li damet sejra sas-sena 1976. Fil-mori ta' din ir-relazzjoni, u frott ta' l-istess, Tereza Schembri weldet lill-attrici Simone, illum Cauchi, fil-5 ta' Jannar 1972.

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet rigward din il-versjoni tal-fatti.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut EF, jikkonfferma li "l-attrici hija binti, u dejjem irrikonoxxejtha bhala binti. Fil-fatt jiena

[1] Fol.14
[2] Fo.18

dejjem waqaft maghha f' kull ma kellha bzonn. Kont attendejt il-precett, u l-grizma taghha u ghamiltilha t-tieg kollu jiena."[3] Dan jinsab konfermat mill-istess attrici li tghid li, filwaqt li lill-konvenut IJ rari tkellmu, "il-kuntatt ma' missieri EF ghadu sallum. Ghalkemm ma baqax jghix maghna, lili baqa' jarani, sahansitra gie ghall-precett u ghall-grizma, kont immur mieghu ghall-lezzjonijiet taz-zfin, dak iz-zmien kelli circa tlettax-il sena. Ghamilli t-tieg kollu hu, fil-fatt hallas kollox hu sa lanqas oggett. Sal-bierah stess kien ghandi jiekol u jekk ikolli bzonn xi haga dejjem sibtu."[4]

Minn naha taghha Tereza Schembri, omm l-attrici, tikkonferma li hi telqet mid-dar konjugali fis-sena 1967, u damet tghix mal-konvenut EF minn dak iz-zmien sas-sena 1976. Tghid: "illi mis-sena 1967 sa ma binti l-attrici kellha hmistax-il sena, jiena qatt ma kont f' kuntatt ma' zewgi. Iltqajt mieghu biss sabiex jiffirmali l-formola tal-passaport."[5] Tikkonferma wkoll li l-attrici twieldet frott tar-relazzjon li kellha mal-konvenut EF.

Il-konvenut IJ jikkonferma l-premess u jghid li mis-sena 1967 "l-unika darba li ltqat u tkellimt maghha [Tereza Schembri] kien f' xi zmien fis-sena 1987, u cioe' ghoxrin [20] sena wara, sabiex niffirmalha ghall-passaport ta' l-attrici."[6] Lill-attrici raha b' kollox xi darbtejn f' hajtu; kien raha l-ewwel darba meta kellha tnax-il sena.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-attrici hija l-wild naturali tal-konvenut **EF**, u mhux tal-konvenut IJ; u konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid [590/1972] ta' l-attrici fis-sens li l-isem u l-konnotati tal-konvenut IJ jigu kancellati u sostitwiti bl-isem tal-konvenut **EF** u l-konnotati

---

[3] Fol.13
[4] Fol.22
[5] Fol.23
[6] Fol.20

tieghu kif indikati a fol.24 tal-process; tordna wkoll li jigu kancellati l-kliem “the said”.

L-ispejjez jgu sopportati mill-konvenut EF.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------